MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 1376/2002

**Anthony Azzopardi u Carmel sive Charles Azzopardi ezerċenti l-kummerċ taħt l-isem Azzopardi Fisheries**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' ċitazzjoni preżentata fl-4 ta' Diċembru 2002, li permezz tagħha u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab:

*Illi s-soċjetà konvenuta tinsab debitriċi versu l-atturi fis-somma ta' sebat elef, sitt mija u erbgħin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (LM7,640.29) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar, prezz ta' ħut lilha mibjugħ u kkonsenjat, liema dejn hu ċert, likwidu u dovut.*

*Illi s-soċjetà konvenuta nonostante li ġiet interpellata sabiex tħallas, baqgħet inadempjenti.*

*Illi fil-fehma tal-atturi is-soċjetà konvenuta m'għandiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attriċi.*

*Tgħid għalhekk lill-istess soċjetà konvenuta għaliex m'għandiex din il-Qorti: -*

1. *Tiddeċiedi bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

2. *Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi is-somma ta' LM7,640.29 rappreżentanti prezz ta' ħut lilha mibjugħ u kkonsenjat.*

*Bl-imgħaxijiet kummerċjali mis-27 ta' Ġunju 2001 u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Ottubru 2002 u tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' qbid ppreżentati kontestwalment kontra s-soċjetà konvenuta, filwaqt li William Caruana, Carmel Camilleri u Edward Ellul, diretturi tas-soċjetà konvenuta, ġew nġunti għas-subizzjoni.*

Permezz tan-nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fit-18 ta' Jannar, 2003 is-soċjetà konvenuta wieġbet:-

1. *Illi l-ammont reklamat mill-atturi huwa eċċessiv u għaldaqstant it-talbiet tagħhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat l-atti proċesswali.

Ħadet konjizzjoni tal-provi kollha miġbura.

Rat is-surroga datata 18 ta' Settembru 2014 fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif inhi llum presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjetà attriċi tgħid illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tagħha fis-somma ta’ sebat elef, sitt mija u erbghin lira u disgha u ghoxrin ċentezmu (LM7,640.29) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar, prezz ta’ ħut lilha mibjugħ u kkonsenjat liema dejn hu ċert, likwidu u dovut.

Illi da parti tagħha is-soċjetà konvenuta tgħid illi l-ammont reklamat bħala prezz tal-ħut mill-attur huwa eċċessiv u għaldaqstant it-talbiet tiegħu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-atturi ippreżentaw prospett (a fol. 6) tal-ammont tad-debitu dovut mis-soċjetà konvenuta illi juri illi l-ammont pendenti kien ta’ sebat elef, sitt mija u erbghin lira Maltin u disgha u ghoxrin ċentezmu (LM7,640.29). Però, fl-10 ta’ Marzu 2003 ġiet ippreżentata nota ta’ riduzzjoni mill-attur (a fol. 15).

Illi permezz ta’ verbal waqt is-seduta tal-10 ta’ Marzu 2003 (a fol. 16), ġie vverbalizzat illi is-soċjetà konvenuta ħallset lill-attur is-somma ta’ seba’ mija u ħamsin Lira Maltin (LM750), illi tnaqqsu mill-imgħaxijiet dovuti.

Illi jirriżulta ukoll (a fol. 101) illi fil-kors tal-proċeduri saru xi pagamenti, iżda fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 2004, ġie ivverbalizzat (a fol. 103) illi dawn il-pagamenti kienu twaqqfu.

Illi sussegwentament fit-28 ta’ Ġunju 2004, l-attur Anthony Azzopardi xehed illi l-bilanċ dovut kien inqas minn dak li kien ġie oriġinarjament mitlub f’din il-kawża. Tant hu hekk l-attur ippreżenta prospett (a fol. 108) illi jindika illi l-ammont dovut huwa ta’ tliet elef, sitt mija u erbgħin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (LM3,640.90), barra l-imħaxijiet relattivi.

Din il-Qorti tosserva illi s-soċjetà attriċi issostanzjat l-ammont irreklamat minnha billi ippreżentat invoices u delivery notes. L-invoices ippreżentati (a fol. 18) u immarkati Dok AA1 sa’ AA 42, jammontaw għall-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni, però dan l-ammont ġie ridott

għas-somma ta’ tlett elef, sitt mija u erbgħin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (LM3,640.29), barra l-imgħaxijiet relattivi.

Din il-Qorti hija sodisfatta illi l-attur irnexxielu jipprova, permezz tal-invoices illi dan l-ammont kif ridott, għadu fil-fatt dovut mis-soċjetà konvenuta.

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet illi l-ammont reklamat mill-atturi huwa eċċessiv, però imbagħad ma ressqet ebda prova biex tissostanzja din l-eċċezzjoni tagħha. Kien jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta illi tipprova dak illi allegat.

Min jallega jrid jipprova jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif jgħid ċar u tond l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u kif ġie ripetut diversi drabi f’diversi sentenzi **(Dr H Lenicker v. J Camilleri, Prim’ Awla 31 ta’ Mejju 1972 u Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella, Appell Inferjuri, 2 ta’ Mejju 1995).**

Fil-kawża odjerna, kien jispetta lis-soċjetà konvenuta illi tipprova dak illi qiegħda isostni, u ċjoè illi l-ammont mitlub kien wieħed eċċessiv.

Abbażi tal-provi li ressaq l-attur, u ċjoè invoices u delivery notes u x-xhieda tiegħu bil-ġurament, li ma ġew bl-ebda mod kontradetti mis-soċjetà konvenuta, il-Qorti hija sodisfatta li saret il-prova sal-grad rikjest mil-liġi li l-ammont ta’ tliet elef, sitt mija u erbgħin liri Maltin u disgħa u għoxrin ċenteżmu (LM3,640.29), ekwivalenti għal tmint elef, erba’ mija u disgħa u sebgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€8,479.59) minbarra l-imħaxijiet relattivi, għadu dovut.

Għalhekk din il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, u tilqa’ t-talba tal-attur.

**Decide**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' it-tieni talba tal-attur u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' tliet elef, sitt mija u erbgħin lira Maltin u disgħa u għoxrin ċenteżmu (LM3,640.29) ekwivalenti għal tmint elef, erba' mija u disgħa u sebgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€8,479.59), rappreżentanti prezz ta' ħut lilha mibjugħ u kkonsenjat.**

**Bl-imgħaxijiet u l-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.**

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------